# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt


**4T/18**

**Minuti tat-tkomlija tar-raba' laqgha tat-tmintax il-sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju, 2011.**

**Preżenti:**

Sur Horace J. Anastasi – Sindku
Sur Ronald Briffa – Viċi Sindku
Sur Carmel Camilleri – Kunsillier
Sinj. Mariella Micallef – Kunsilliera
Sur Stephen Sultana – Kunsillier

Joseph M. Formosa – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Skużati:** Sur Edwin Formosa – Kunsillier

**Assenti:** Sur Cleaven Bugeja - Kunsillier

AGENDA

1. Talba

2. Il-minuti tal-laqgħat bejn it-22 ta' Frar, 2011 sa 13 ta' Ġunju, 2011 ġew approvati fil-laqgħa tal-20 ta' Ġunju, 2011. Il-minuti tal-laqgħa pubblika ġew approvati fil-laqgħa tal-20 ta' Ġunju, 2011.

3. Kommunikazjonijiet mis-Sindku

4. Performance Bonuses tal-iskrivani

5. Aġġornament

**Talba / bidu tal-laqgħa**

Il-laqgha bdiet fil-5.32pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri preżenti.

**1. Kommunikazjoni ms-Sindku**

**1. Librerija Pubblika u toilets fi Ġnien Romeo Romano.**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li qed isir tentattiv sabiex isiru dawn il-proġetti għaliex dawn ikunu ta' fejda għar-residenti ta Santa Venera.

Is-Sindku qal li diġa hemm outline ta dan il-proġett mill perit tal-MICA MED u li dan l-outline ingħata b'xejn u bla ebda obligazjoni.

**1.2 Skate Park Project**

Is-Sindku qal li flimkien mal Perit Stephen Farrugia, huwa għamel ir-rappreżentazjoni quddiem il-MEPA sabiex jinbidel il-proġett u minflok jiġi Park Pubbliku għaliex huwa ma jemminx fil-concrete iżda fil-vegitation. Ma dan il-Park tista ukoll tinħoloq recreation area. Saru preżentazjonijiet u ġiet preżentata pjanta tal-proġettt il-ġdid quddiem il-MEPA.

Din il-proposta ġdida ġiet ukoll għal vot quddiem il-MEPA u kien hemm 4 voti favur u 1 vot kontra.

Dan il-proġett il-ġdid, meta jitwettaq ikun ifisser li flok ħafna concrete ikun hemm ħafna regitation.

Is-Sindku fakkar li dwar il-proġett tal-Skate Park, il Kunsill diġa ħallas ħafna flus lill Perit u għalhekk qed jara li l-Perit bl-ebda mod ma jithallas għall xogħol li diġa sar u li jillimita kull spiża dwar dan il-proġett ġdid.

Is-Sindku qal li qed jinħadmu l-istimi u jekk ikun hemm fondi biżżejjed disponibli għand il-Kunsill inkomplu bil-proġett.

Is-Sindku spjega kif diġa hemm fondi ta €47,000 mill MITA u li l-proġetti approvati kollha hemm fondi allokati għalihom kif indikat fil-budget tal-Kunsill għas-sena 2011.

Is-Sindku qal ukoll illi l-proġett jista jinqasam f'diversi fażijiet.

Il-Kunsill qabel li flok Skate Park ikun hemm Park Pubbliku b'recreation area u b'vegitation ta' madwar sakemm il-finanzi tal-Kunsill jippermettu.

**Marki tal-Motor Cycle Bays.**

Is-Sindku qal illi malli l-Kunsill jirċievi l-permess u l-indikazjoni mingħand TM fejn jistgħu isiru dawn il-motor cycle bays, il-Kunsill ikollu ż-żebgħa disponibbli sabiex jagħmel il-marki meħtieġa.

**Latrina Pubblika fi Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera**

Is-Sindku informa lill-Kusnsill illi fl-24 ta' Lulju, 2011 din il-latrina fetħet skond kif kien imwiegħed lid-Department of Local Government (DLG) u dan kif appena l-pulizija tieħu stqarrija lis-Sindku personali u wara li l-Kunsill sewwa l-ħsarat kollha u nxtara l-materjal li kien hemm bżonn, il-latrina ġiet miżbugħa u illustrata sewwa u nfetħet għas-servizz tal-pubbliku kif ikun mehtieġ.

Is-Sindku qal li l-kontijiet dwar l-ilma użat f'din il-latrina meta kienet qed tiġi amministrata mill Club tal-Bocci għadhom pendenti.

Dwar dawn il-kontijniet li jaqbżu l-€4000 li l-Kunsill jikkosidra esaġerati anke meta wieħed iqis li ġraw bejn l-2009 / 2010 meta l-iskola Umberto Colosso kienet diġa ġiet magħluqa, ma jistgħux jibqgħu pendenti għal-żmien indefenit u għalhekk din is-sitwazjoni inkwetanti għandha tiġi indirizzata fil-laqħat li ġejjin tal-Kunsill.

**Attivita dwar it-Tberik tal-Annimali f'Santa Venera**

Is-Sindku qal li din l-attivita kienet ta success u li għandha tidħol fil-kalendarju tal-attivitjiet tal-Kunsill.

Is-Sindku semgħa dwar kif l-Scouts Group ta Santa Venera naqsu li jkunu preżenti għal din l-attivita anke meta kien hekk miftiehem u li huwa (is-Sindku) għamel diversi tentattivi sabiex dak in-nhar stess tal-attivita, sabiex jikkuntatja lis-Sur Glen Catania.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jibgħat ittra lis-Santa Venera Scouts Group sabiex jipprotesta dwar dan l-aġir irresponsabli.

**Triq Patri Franġisk Grech**

Is-Sindku qal li l-flower bed li kien hemm fi Triq Patri Franġisk Grech inqalgħu u ingħata t-tarmac.

Is-Sindku qal li sejrin isiru yellow lines fil-kantuniera ta din it-triq.

**Crane kbir fi Triq Qormi, Santa Venera**

Is-Sindku qal li s-sid ta' dan il-lok li qed jinbena kien iwiegħed lill-pulizija li kien ġej il-Kunsill sabix iħallas minn sena lura iżda dan ma ġiex u għalekk il-proċess għandu jitkompla mal-pulizija.

Is-Sindku qal li Il-Kunsill għandu jibgħat ittra reġistrata lis-sid illi jekk mhux sejjer iħallas il-kontijiet li ghandu b'lura, l-Kunsill ikun kostrett li jieħu passi legali kontra s-sid.

Is-Sindku qal ukoll illi s-sid għandu jnaddaf is-sit mill-aktar fis possibli.

**Pjan ta' Ħidma**

Is-Sindku qal li fil-laqgħa l-ġdida li jmiss tal-Kunsill kull Kunsillier għandu jipprepara l-pjan ta' ħidma skond id-dekasteru mogħti lilhom. Fuq dan il-bażi l-Kunsill ikun jista' jagħmel Pjan ta Hidma għas-snin li ġejjin.

F'dan l-istadju s-Sur Stephen Sultana wieġeb illi huwa ma kienx ġie avviċinat mis-Sindku dwar id-dekasteru mogħti lilu.

Is-Sindku wieġeb lis-Sur Sultana ma kienx korrett għax minbarra lis-Sindku nforma lill-Kunsillieri waqt Laqgħa, ppreżentalhom ktiba bid-dikasteri kif inhuma u min hu nkarigat tagħhom. Is-Sindku żied li anke fuq ir-rivista tal-Kunsill, L-Akwidott hemm il-pubblikazzjoni tad-Dikasteri.

Is-Sindku stqarr li waqt il-Laqgħa ndikata l-ebda Kunsillier ma ċaħad id-Dikasteru mogħti lilu.

**Performance Bonus tal-iskrivani**

Maria Aquilina – 12 xahar
Denise Cutajar – 9 xhur
Carmel k/a Lino Busuttil -1 xahar

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega dwar il-proċedura u dwar li hemm fir-regolamenti dwar il-performance bonus.

Is-Sur Carmel Camilleri qal li xtaq jagħmilha ċara li huwa dejjem kien u għadu kontra l-performance bonus. Is-Sindku qabel mas-Sur Camilleri li huwa kontra l-imsemmi Performance Bonus.

Dwar din il-proposta s-Sindku Sur Horace J. Anastasi, il-Viċi Sindku Sur Ronald Briffa, il-Kunsillieri Carmel Camilleri u Mariella Micallef qalu li huma kienu qed jipproponu u jaqblu li l-performance bonus ikun ta 3% sabiex jissodisfaw biss dak mitlub mill-liġi u proċedura dwar ir-Riżorsi Umani.

Il-Kunsillier Sur Stephen Sultana qal li xtaq jipproponi l-massimu cioe 6%.

Il-Kunsill iddecieda li l-performance bonus għas-sena 2010 għal-impjegati fuq indikati ikun ta 3% u li dan jinħadem mill-accountant u li jsir il-ħlas mill-aktar fis possibli.

**Għeluq tal-laqgħa / Aġġornament**

**Computers – MITA**

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva xi ftit computers użati mingħand MITA li meta jinsabu li huma tajbin jistgħu jintużaw fid-Day Centre u postijiet oħra.

**Motor Cycle Bays**

Is-Sur Carmel Camilleri qal li l-Kunsill għandu jagħmel dak kollu possibli sabiex it-TM tagħmel dak kollu possibli sabiex toħloq u timmarka l-postijiet ta MC bays speċjalment meta din l-issue ilha sa minn qabel is-sena 2010.

Is-Sur Carmel Camilleri qal li dawk eżistenti għandhom jerġgħu jinżebgħu filwaqt li għandom isiru oħrajn ġodda.

**Kalendarju tal-laqgħat tal-Kunsill**

Is-Sur Carmel Camilleri qal li jixtieq li jerġa jiġi stabbilit kalendarju bil-quddiem dwar il-laqgħat tal-Kunsill.

Is-Sindku wieġeb li qed jagħmel dak kollu possibli li l-laqgħat ikunu strutturati u li l-Agenda ta' kull laqgħa tiġi eżawrita waqt kull laqgħa iżda, minħabba l-fatt, li xi Kunsillieri joħorġu l-barra mil-laqgħat jew ma jattendux u nispiċċaw bla kworum, mhux dejjem tista' żżomm mal-Kalendarju.

**Double yellow lines biswit il-garage Petrus (proprjeta tas-Sur Ronnie Spiteri) f'Misraħ il-Barrieri**

Is-Sur Stephen Sultana qal li dak ġie awtorizzat mit TM mhux biżżejjed għal ħtigijiet tas-Sur R. Spiteri u talab sabiex il-Kunsill jagħmel talba lit TM sabiex dan is-sinjal jiżdied b'1.5m kif indikat. Is-Sindku qabel mas-Sur Sultana iżda, enfasizza lill-Kunsill irid joqgħod għad-deċiżjonijiet finali tat-TM.

**Rapport dwar is-Siġar fi Triq il-Palazz l-Aħmar Santa Venera**

Is-Sindku qal li kien f'kuntatt mas-Sur Paul Radmilli mill-MRRA u li qed jistenna li jirċievi rapport mingħand il-Perit Stephen Farrugia dwar dawn is-siġar sabiex jiġi deċiż jekk hux qed issir ħsara fil-ħajt ta warajhom u dwar il-konok ta madwar

dawn is-siġar sabiex la titnaqqas il-postijiet ta parking iżda fl-istess ħin dawn is-siġar jiġu ukoll protetti.

**Mera fi Triq il-Palazz L-Aħmar u Triq il-Batterija Santa Venera**

Is-Sur Stephen Sultana qal li din il-mera li tidher li nqalet waqt li kien qed isir ix-xogħol ta tarmac għandha terġa titwaħħal f'postha.

Is-Sindku wieġeb li din dalwaqt sejra tinxtara u titwaħħal f'postha issa li tlesta x-xogħol meħtieġ fi Trqi il-Palazz l-Aħmar.
Is-Sindku qal ukoll li sejjer jara li l-mirja f'diversi postijiet ta' Santa Venera jiġu mnadfa.

**Maqgħad tal-ilma fi Triq il-Kbira San Ġużepp li hija Triq arterjali u Triq distributorja**

Is-Sur Stephen Sultana qal li hemm il-ħtieġa li tiġi rranġata l-ħsara preżenti li hemm ħdejn il-Knisja ta' Triq il-Kbira San Ġużepp.

Is-Sindku qal li qabel ma ingħata wiċċ tarmac fis-sena 2010 ma kienx hemm qlib fil-parti indikata. Minn mindu sar dan it-tarmac li sar fil-miġja tal-Papa, l-ilma tax-xita beda jinġabar ħdejn il-Knisja ta' Triq il-Kbira San Ġużepp kif qal l-istess Sur Stephen Sultana.

Is-Sindku kompla li billi jidher li x-xogħol ma sarx sewwa kif kien mistenni, l-Kunsill għandu jirreferi l-każ lid-Dipartiment tal-Gvern (mill-OPM) li qabbad dan ix-xogħol. Dan id-Dipartiment għandu jirreferi l-każ lill-kuntrattur sabiex jagħmel ix-xogħol meħtieġ u jneħħi l-inkonvenjent preżenti li żgur li jikber malli tibda x-xita.

**Triq L-Istitut Bonnici (wara l-Ground)**

Il-Kunsill ġie infurmat illi l-uniku parking bay li kien hemm fil-viċinanza tad-Dar numru 17, ġiet miżbugħa safra bla kliem u bla sliem.

Is-Sindku qal li l-informazzjoni li kellu l-Kunsill kien li l-fond kien garaxx u ma setax ikollu linji bojod.

**Trejqa Fleur De Lys**

Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jagħmel applikazjoni ma TM fis-sens li jillimita d-dħul.

Il-Kunsill qabel li japplika sabiex issir tabella
"No entry for heavy vehicles except to render a service"
"No entry for coaches" Skola tal-Primarja fi Trejqa tal-Fleur de Lys – Santa Venera

**Parking fi Triq il-Ferrovija – Servizz waqt iż-żmien tal-iskola**

Il-Kunsill qabel li jikteb it-TM sabiex qabel il-ftuħ tal-iskola jitwaħħlu tabelli fejn juru li ma għandu jsir l-ebda ipparkjar waqt il-ħin ta' dħul u l-ħruġ tal-iskola biswit l-Iskola Sekondarja u dik Primarja Ta Santa Venera ħlief għall-coaches u vans li jniżżlu u jtellgħu lill-istudenti ta' dawn l-iskejjel.

**Kumpless Umberto Calosso**

Il-Kunsill qabel li jitlob tagħrif mingħand id-Dipartiment tal-Edukazjoni dwar l-użu tal-Kumpless Umberto Calosso peress li qed jiġru xnigħat li dan jista jsir ċentru miftuħ għar-refuġjati li dan kien diġa ġie miċħud xi żmien ilu mill-Ministeru tal-Edukazjoni.

**Triq L-Imsida / maġenb il-garage ta Dr M. Azzopardi**

Il-Kunsill qabel li jsir ħawt biswit ir-residenza numru 9 bil-patt u l-kundizjoni li jkun jista' jgħaddi siġġu bir-roti minn ħdejn dan il-ħawt u li ma jiġi krejat ebda ġust jew dritt fuq l-inħawi u li jagħmel tajjeb għal kull ħsara li tista' ssir kemm preżentzjalment kif ukoll fil-futur.

**Bollards u barriers biswit l-istabiliment Park Towers, Santa Venera**

Il-Kunsill qabel li jitlob lit TM sabiex fil-ġnub ta kull rampa li hemm fuq il-bankina ta' Park Towers jitqegħdu bollards u barriers sabiex tinħoloq sigurta aħjar għall-min jifrekwenta l-inħawi.

**Barrier fil-liewja ta' Triq il-Parroċċa kantuniera ma Triq il-Kbira San Ġużepp.**

Il-Kunsill qabel li ssir talba lit TM sabiex fil-lilwa ta Triq il-Parroċċa kantuniera ma Triq il-Kbira San Ġużepp issir barrier sabiex tgħin u tipproteġi lil dawk li jifrekwentaw din il-parti tat-triq speċjalment l-anzjani.

Il-laqgħa spiċċat fit 8.30pm.

Joseph M. Formosa
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Horace J. Anastasi
Sindku